MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2003

Numru 606/1992

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Pierre Calleja)**
**(Spettur Peter Paul Zammit)**
**vs**
**Joseph Fava, Martin Fava, George Micallef**
**U Nazzareno sive Reno Muliett**

**Citazzjoni numru 606/1992**

**Illum 4 ta' Lulju 2003**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migbura fil-konfront tal-imputati fuq l-imputazzjonijiet kif ser jinghad:

Lil Martin Fava u lil Nazzareno sive Reno Muliett wahedhom talli f'Haz Zabbar, nhar l-14 ta' Settembru, 1992 ikkommettew serq ta' diversi oggetti konsistenti

f'oggetti tad-deheb u arloggi tal-idejn u affarijiet ohra, li l-valur taghhom jeccedi l-LM1000 mill-fond 'Il-Merill', Triq Espedito Catania, Haz Zabbar liema serq serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-LM1000 u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' John Caruana minn haz Zabbar.

Lil Joseph Fava, Martin Fava u George Micallef talli mill-Floriana nhar it-28 ta' Ottubru 1992 ghall-habta tas-6.00 pm ikkommettew serq ta' vettura numru H 9844(M) tal-ghamla Mini Minor, ta' kulur blu, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Dr Andrew Baldacchino miz-Zejtun.

Lil Joseph Fava, Martin Fava u George Micallef flimkien talli fl-Imgarr Malta, nhar it-28 ta' Ottubru 1992 ghal habta tas-7.00 pm waqt li gew arrestati ghall-ghemil ta' xi delitt, kellhom fuq il-persuna taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar, jew imitazzjoni ta' arma regolari.

Lil Joseph Fava, Martin Fava u George Micallef flimkien talli fl-Imgarr Malta u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer nhar it-28 ta' Ottubru 1992 kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar u munizzjon minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Lil Joseph Fava, Martin Fava u George Micallef talli kellhom fil-pussess taghhom strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Lil Martin Fava wahdu talli nhar it-28 ta' Ottubru 1992 iddenunzja lill-pulizija reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Lil Joseph Fava wahdu talli fl-ahhar xhur qabel il-31 ta' Dicembru 1986 mill-belt Valletta, ikkommetta serq ta' oggetti li l-valur taghhom jeccedi l-LM10 izda mhux aktar minn LM100 minn vettura Fiat bin-numru tar-registrazzjoni T 9709 ghad-detriment ta' Ramon Mizzi liema serq huwa aggravat bil-mezz.

Lil Joseph Fava wahdu talli fl-ahhar xhur qabel it-30 ta' Ottubru 1992 kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu munizzjon, kalibru ta' comb mhux awtorizzat mill-ligi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Lil Joseph Fava wahdu talli fil-belt Valletta fl-ahhar tlett xhur qabel il-31 ta' Dicembru 1986 hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghall-ammont li ma jiskorrix il-LM50 izda li jeccedi l-LM10 ghad-detriment ta' Ramon Mizzi.

Lil Joseph Fava, Martin Fava, George Micallef, u Nazzareno sive Reno Muliett talli f'dawn l-ahhar xhur, xjentement b'kull mod li jkun, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehdua b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan ir-reat sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Lil George Micallef wahdu talli huwa sar recediv wara li hu gie kkundanant ghal reat b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 10 ta' Lulju 1991 liema sentenza illum saret definittiva.

Lil George Micallef wahdu talli kiser il-provvediment tal-Artikolu 28 (a) et seq imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Awla I) datata 10 ta' Lulju 1991.

Lil Joseph Fava wahdu talli huwa sar recidiv wara li huwa gie kkundannat ghal reat b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata l-1 ta' Settembru 1992 liema sentenza llum saret definittiva.

Rat in-nota tal-Avukat Generali a fol 270 tal-istess atti li biha billi deherlu li tista tinstab htija (jew htijiet) kif ser jinghad:

Fil-konront ta' Joseph Fava fl-artikoli:
a) 261 (a) (b) (c) (f) (g), 262 (1) (b), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271 (g) 276, 277(b), 278 (1) (2) (3), 20, 279 (b), tal-Kodici Kriminali.

b) 26 (b) tal-Kapitolu 66.
c) 2, 3, 19, tal-Kapitolu 66.
d) 13 u19 tal-Kapitolu 66.
e) 261(b), 263, 264, 265, 266, 278(1) tal-Kodici Kriminali
f) 325 tal-Kodici Kriminali.
g) 334 tal-Kodici Kriminali.
h) 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.
i) 533 tal-Kodici Kriminali.

Fil-konfront ta' Martin Fava fl-artikoli:

a) 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 278 (1) (2) (3), 20, 279(b), tal-Kodici Kriminali.
b) 261 (a) (b) (c) (f) (g), 262 (1) (b), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271(g), 276, 277(b), 278(1) (2) (3), 20, 279(b) tal-Kodici Kriminali.
c) 26(b) tal-Kapitolu 66.
d) 2, 3, 19 tal-Kapitolu 66.
e) 13, 19 tal-Kapitolu 66.
f) 110 (2) tal-Kodici Kriminali.
g) 334 tal-Kodici Kriminali.
h) 533 tal-Kodici Kriminali.

Fil-konfront ta' George Micallef fl-artikoli:

a) 261 (a) (b) (c) (f) (g), 262 (1) (b), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271(g), 276, 277(b), 278 (1) (2) (3), 20, 279 (b) tal-Kodici Kriminali.
b) 26(b) tal-Kapitolu 66.
c) 2, 3, 19 tal-Kapitolu 66.
d) 13, 19 tal-Kapitolu 66
e) 334 tal-Kodici Kriminali
f) 49 u 50 tal-Kodici Kriminali
g) 28(a), 28b, 28F tal-Kodici Kriminali
h) 533 tal-Kodici Kriminali.

Fil-konfront ta' Nazzareno sive Reno Muliett fl-Artikoli:

a) 261(b) (c) (e), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 278 (1) (2) (3), 20, 279 (b) tal-Kodici Kriminali.
b) 334 tal-Kodici Kriminali
c) 533 tal-Kodici Kriminali.

Iddecieda li jibghat lill-istess imputati sabiex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali f'nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-istess imputati.

Semghet lill-imputati kollha jiddikjaraw li ma ghandhomx tali oggezzjoni (fol 274 u 275 tal-istess atti).

Semghet lill-akkuzat Joseph Fava jiddikjara li ma ghandux provi x’jipproduci (fol 282 ibid).

Rat in-nota ta’ Martin Fava (fol 285 ibid) li biha ddikjara li ma kienx ser jipproduci provi (ara wkoll fol 288 ibid).

Semghet lill-akkuzat Nazzareno sive Reno Muliett jiddikjara li ma ghandux provi x’jipproduci (fol 290 ibid).

Semghet lill-akkuzat George Micallef jaghmel l-istess dikjarazzjoni (fol 291 ibid).

Rat id-digriet Taghha (fol 299 ibid) u li biha il-partijiet kollha nghataw il-fakolta li jippresentaw nota ta’ sottomissjonijiet minflok trattazzjoni orali.

Rar in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni (fol 302 et seq ibid) kif ukoll dak verbalizzat a fol 315 u 316 ibid.

Rat in-nota responsiva ta’ George Micallef (fol 321 et seq ibid), dik ta’ Joseph Fava (fol 325 et seq ibid), dik ta’ Martin Fava (fol 335 et seq ibid), waqt li Nazzareno sive Reno Muliett ma ssottometta ebda nota responsiva.

Ikkunsidrat

Illi jidher li l-kaz in desamina beda effettivament meta l-ispettur Pierre Calleja (fol 24 et seq ibid) kien ircieva telefonata anonima fit-23 ta’ Ottubru 1992 (korrettivament it-28 ta’ Ottubru 1992), dwar karozza bin-numru G 3370 tal-marka Austin 1100 u bil-kulur ‘biege’ li kienet fl-akkwati taz-Zebbiegh u tinsaq, ta’ sikwit, ghall-habta tas-6.30 pm, fi Triq Gnien id-Dwieli. Ghalhekk l-istess spettur, akkumpanjat minn pulizija ohrajn fi tlett karozzi, kienu marru f’din il-lokalita, u ghall-habta tas-6.30pm kien ra l-vettura msemmija waqt li kienet qed tinsaq lejn l-Imgarr b’velocita konsiderevoli, izda l-pulizija ma rnexxiliex twaqqafha.

Sussegwentement, ix-xhud kien gie nformat li karozza ohra bin-numru H 9844 tal-marka Mini Minor ta' kulur blu (Dok PC 17) u bi tlett persuni go fiha, kienet giet osservata minn pulizija iehor. Fil-fatt kien irrizulta li din il-karozza kienet ghadha kemm giet rappurtata nieqsa, cioe misruqa, mill-Furjana.

Il-pulizija, ghalhekk, waqqfet din il-karozza, u go fiha kien hemm tlieta mill-akkuzati, ossija Martin Fava li kien qed isuqha, George Micallef, bilqeghda fuq quddiem u Joseph Fava fuq wara. Minn tfittxija li saret fl-istess karozza, instab li kien hemm fiha investa (Dok PC1) kontenenti diversi oggetti, fosthom senter isserrat u kkargat (Dok PC 2), imitazzjoni ta' senter (Dok PC 3), tlett skratac (Dok PC 4) u iehor inserit fl-imsemmi Dok PC 2 (Dok PC 5), oltre zokk, temprin u tornavit (Dok PC 6), zewg pari nuccali tax-xemx (dok PC 7), roll ta' 'tape' kulur kannella b'xi faxex (Dok PC 8), hbula u cintorin abjad (Dok PC 9), beritta griza (Dok PC 10), bicca minn skufja blu (Dok PC 11), skufja kulur l-inbid (Dok PC 12), parrokka (Dok PC 13), ingwanti kannella oskur (Dok PC 14), par ingwanti ohra (Dok PC 15) u par ingwanti tal-lastiku (Dok PC 16).

Ghalhekk it-tlett akkuzati msemmija gew arrestati. Susseg-wentement, il-pulizija fittxew fir-residenza tal-akkuzat Martin Fava u li tinsab go Haz Zabbar, fejn hemmhekk , PS 126 Paul Muscat u PC 25 Mario Camilleri kienu sabu oggetti tad-deheb go landa ta' prodott farmacewtiku, liema oggetti kienu tlett pendenti, bi tnejn minnhom bl-isem "Zvetlana" u "Tanya", mazz cwiewet b''key chain' tad-ditta "Subaru" u curkett tat-tieg, li fin-naha ta' gewwa tieghu kellu d-data "16.11.91" u l-isem Tanya. In oltre kienet giet elevata wkoll fattura bin-numru '64' u mahruga minn "GB Jewellery". Fuq din il-fattura kien hemm imnizzlin 'Choker 18 carat' bin-numru '65' (Ara dok PC 18 u Dok PC 19).

Dwar dawn l-oggetti, l-istess Martin Fava, wara li gie debitament imwissi skond il-ligi, kien spjega li dawn jew instabu minnu f'ghalqa jew gew moghtija lilu bhala rigal mill-familjari tieghu. Hawnhekk tkomplew l-

investigazzjonijiet in konnessjoni mac-curkett taz-zwieg imsemmi u kif deskritt, u kien irrizulta li fis-16 ta' Novembru 1991 kienet izzewget certa Tanya, b'kunjomha mizzewga Caruana, f'Haz Zabbar. In oltre din il-mara kienet ghamlet rapport dwar serqa mir-residenza taghha fl-14 ta' Settembru 1991 u li hi ghandha tifla bl-isem ta' "Zvetlana". Di fatti meta Tanya Caruana kienet giet murija l-istess oggetti msemmija, hi gharfet iz-zewg pendenti bl-isem 'Tanya' u 'Zvetlana' kif ukoll ic-curkett taz-zwieg bhala appartenenti lilha, u bhala parti mir-refurtiva fl-istess serqa rrapurtata minnha.

In rigward il-fattura msemmija, li ghaliha hemm referenza ghall 'choker', il-propjetarju tal-hanut tad-deheb imsemmi, ossija George Busuttil, dan kien spjega li l-istess fattura kienet fil-fatt tirreferi ghal tpartit bejn 'choker' u 'gizirana'. Di fatti l-gizirana kienet ghadha fil-pussess tieghu u giet konsenjata lill-ispettur Pierre Calleja.

In oltre, involut f'dan it-tpartit kien hemm Nazzareno Muliett, l-akkuzat. Minn ritratt tal-akkuzati, l-istess Busuttil kien gharaf lil Martin Fava bhala wiehed "mill-persuni li kienet giet in rigward il-gizirana".

Hawnhekk l-istess spettur Pierre Calleja kien eleva mill-pussess, anzi mir-residenza ta' Nazzareno Muliett, gizirana 'vojta minn gewwa' (Dok PC 20) waqt li l-gizirana ('solid gold') ikkonsenjata lilu minn George Busuttil giet ukoll esebita f'dawn l-atti (Dok PC 21). In oltre, in vista li George Bussuttil kien qal ukoll li l-zewg akkuzati, Martin Fava u Nazzareno Muliett, kienu bieghu lilu "jew erba' fili jew sitt fili bid-deheb", l-istess spettur kien eleva tlieta minn dawn (Dok PC 22). Meta l-imsemmija Tanya Caruana giet murija l-gizirana ('solid gold'), dawn it-tlett fili, kif ukoll l-oggetti kollha fil-kaxxa msemmija, hi gharfithom kollha kemm huma, bhala formanti parti mill-istess refurtiva. In oltre l-ispettur Pierre Calleja kompla jghid illi l-karozza tal-marka Austin 1100, hawn fuq imsemmija, hu kien ra illi din, fl-Imgarr kienet qed tinsaq minn Martin Fava, l-istess akkuzat. Pero dan l-akkuzat insista illi kien ipparkegga l-istess karozza vicin d-dar tieghu u "b'hekk jekk din ma kienitx fejn halliha, xi hadd

kien seraqiehli". Fil-fatt l-istess vettura kienet instabet minn PS 126 Paul Muscat, parkeggjata u msakkra minghajr sinjali ta' sgass, fi triq fl-Imgarr. Ghalhekk saret tfittxija f'din il-vettura, presenti l-istess Martin Fava u fiha instab 'dagger' b'cintorin ahdar (Dok PC 24). Dwar dan, l-istess akkuzat kien qal "li ma kien jaf xejn fuqu" izda kien qal "li kien xi hadd li poggih hemm". Fl-ahhar nett ghandu jissemma li saret wkoll tfittxija fir-residenza tal-akkuzat Joseph Fava minn fejn gew elevati diversi oggetti fosthom barzakka tal-kacca u diversi skratac (Dok PC 26), tlett djarji (Dok PC 27) kif ukoll skufja, ingwanta u qmis 'checked' ( Dok PC 28) (Ara dwar il-premess minn fol 24 sa fol 33 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi in sostenn tal-premess gew prodotti diversi xhieda kif ser jinghad:

a) It-tabib Andrew Baldacchino (fol 44 et seq ibid) ikkonferma li hu l-propjetarju tal-karozza tal-marka Mini Minor numru H 9844. Hu spjega li ghall-habta tal-3.55 pm tat-28 ta' Ottubru 1992, hu kien ipparkeggjaha, msakkra, fi Triq Sarria fil-Furjana. Izda ghall-habta tas-6.10 pm tal-istess data, hu sab li din kienet nieqsa. L-istess karozza kienet giet akkwistata minnu fl-1981/82 bil-prezz LM1400 u go fiha, meta insterqet, kien hemm biss craret u karti.

b) L-imsemmi PS 126 Paul Muscat (fol 46 et seq ibid) spjega kif waqt pattuljament fl-inhawi tal-Imgarr, sabiex tinsab il-karozza numru G 3370 hawn fuq imsemmija, kienet giet intercettata karozza ohra bin-numri H 9844, f'liema karozza kien hemm l-akkuzati Martin Fava, Joseph Fava u George Micallef. Fl-istess vettura kienet instabet investa bajda, kontenenti diversi oggetti kif hemm elenkati fosthom senter ikkargat u iehor finta, ossija d-dokumenti mmarkati Dok PC1 sa Dok PC 16. In oltre l-istess xhud flimkien ma' pulizija ohrajn kien gie nkarigat mill-ispettur Pierre Calleja sabiex jaghmel tfittxija, fl-istess gurnata, fir-residenza tal-akkuzat Martin Fava. Hemmhekk, f'komodina imsakkra, fil-kamra tas-sodda, instabet landa zghira kontenenti oggetti tad-deheb kif ukoll ircevuta bid-data tal-25 ta' Settembru 1992 (Dok PC 18 u Dok PC 19). In oltre, kienu nstabu 'revolver' finta u mus (Dok PM). In

oltre minn garage appartenenti lill-istess Martin Fava gew elevati zewg fanali ta' quddiem ta' karozza b'wiehed imkisser, hdax il-'casette' u bicca 'payslip' fuq l-isem ta' certu Reno Muliett. L-istess spettur Pierre Calleja kien inkariga lill-istess xhud sabiex jaghmel tfittxija fil-karozza appartenenti lill-istess Martin Fava, liema karozza kienet giet rrapurtata bhala 'missing' mill-istess akkuzat u li kienet instabet fil-lokalita taz-Zebbiegh/Imgarr. Din il-karozza kienet imsakkra u l-istess akkuzat kien fetahha bic-cwievet tieghu stess. Go fiha kien instab stallet (Dok PC 24). In rigward dan, l-istess Martin Fava kien cahad li kien tieghu (ara wkoll in-notamenti ta' dan ix-xhud a fol 52 u 53 ibid kif ukoll ix-xhieda ta' PS 1231 Joseph Spiteri a fol 61 et seq ibid u ta' PC 25 Mario Mallia a fol 66 et seq ibid).

c) L-ispettur Peter Paul Zammit (fol 72 et seq ibid) xehed dwar is-serqa fir-residenza tal-konjugi Caruana f'Haz Zabbar. Meta hu kien mar fuq il-post ma kienx ra xi sinjal ta' sgass jew taqlib. Pero mill-kamra tas-sodda principali kienet insterqet kwantita konsiderevoli ta' oggetti tad-deheb minn zewg 'fancy bowls' liema deheb kellu valur ta' madwar LM3000 sa Lm4000 (ara l-lista tar-refurtiva esebita in atti a fol 81 ibid). L-istess spettur xehed dwar nvestigazzjonijiet li kien ghamel f'diversi hwienet in konnessjoni ma' bejgh ta' oggetti tad-deheb da parti tal-akkuzat Muliett. Pero relevanti ghal dan il-kaz hija t-tfittxija li saret fir-residenza ta' Joseph Fava minn fejn gew elevati diversi djarji (Dok PC 27). Hu kien stabbilixxa illi dawn kienu jappartjenu lil certu Ramon Mizzi. Di fatti, dan kien informa lix-xhud li l-istess djarji kienu insterqu 'madwar seba' snin ilu minn karozza appartenenti lilu, billi waqt li kienet ipparkeggjata vicin il-gnien ta' "Hastings", fil-belt Valletta, kienet tkissret il-'quarter window' taghha. Dwar din is-serqa ma kien sar ebda rapport lill-pulizija (ara x-xhieda ta' Ramon Mizzi a fol 229 tal-atti).

d) Il-konjugi Caruana, George u Tanya (a fol 88 u fol 92 et seq ibid) xehedu li hargu mir-residenza taghhom ghall-habta tal-10.30 am tal-14 ta' Settembru 1992 u kif waslu lura ghall-habta tas-7.00 pm instab li l-bieb ta' barra kien miftuh, minghajr sinjali ta' sgass, u li d-deheb li kien hemm f'zewg vazuni kien insteraq waqt li ma kien ittiehed xejn mill-flus kontanti li kienu f'kexxun. Meta gie muri l-oggetti

tad-deheb li kienu nstabu f'landa, George Caruana gharaf pendent bl-isem 'Tanya' u pendent iehor bl-isem 'Zvetlana' kif ukoll ic-curkett bid-data taz-zwieg u l-isem 'Tanya' incizi fih. Ulterjorment, kien gharaf ukoll il-gizirana mmarkata Dok PC 21, kif ukoll it-tlett fili msemmija (Dok PC 22). Dwar il-gizirana, ix-xhud semma li gieli kien ta l-istess oggett lill-akkuzat Nazzareno Muliett, bhala habib tieghu, sabiex dan jilbisha. In oltre l-istess George Caruana xehed ukoll li kien jaf lill-akkuzat Joseph Fava in konnessjoni max-xoghol imsemmi fl-istess xhieda (ara wkoll il-kopja tar-rapport tal-pulizija relattiv ghal din is-serqa a fol 112 tal-atti).

e) Is-'salesman' tal-hanut 'GB Jewellers' sitwat f'Haz Zabbar, Mario Muscat (fol 95 et seq ibid) ikkonferma li l-akkuzat Nazzareno Muliett kien gie fl-istess hanut u kien gab mieghu 'choker' sabiex ipartu ma' iehor, liema 'choker', ossija gizirana, kienet dik esebita in atti bhala Dok PC 21. Pero ix-xhud kien baghat lill-istess Nazzareno Muliett fil-hanut l-iehor f'Birkirkara peress "illi ic-'choker' li ried hu .... ma kelliex fil-hanut". Ix-xhud kompla jghid li f'okkazzjoni ohra kienu gew, fl-istess hanut, l-istess akkuzat u l-akkuzat l-iehor Martin Fava u dawn kienu bieghu lix-xhud "diversi fili" u brazzuletta bl-isem "Johnny" fuqha bil-prezz ta' ".... aktar minn LM200". In rigward il-fili msemmija, hu gharafhom bhala d-dokument esebit in atti bhala Dok PC 22.

f) George Busuttil, gia msemmi, xehed (a fol 98 et seq ibid), wara li kkonferma li l-ircevuta formanti parti mid-dokument PC 18 kienet inharget u nkitbet minnu stess, li l-istess dokument kien jirreferi ghal tpartit 'in parte' bejn zewg 'chokers' (Dok PC 20 u Dok PC 21). F'din it-transazzjoni kien hemm involut l-akkuzat Nazzareno Muliett.

g) Kif jidher a fol 145 tal-istess atti in konnessjoni mas-serqa mir-residenza tal-konjugi Caruana, kienet saret inkjesta mill-Magistrat tal-Ghassa u fost esperti nominati kien hemm PC 490 Joseph Aloisio in konnessjoni ma' elevazzjoni ta' impronti. In oltre din il-Qorti kienet innominat lil Joseph Zammit bhala espert mekkaniku in konnessjoni mal-karozza Mini Minor imsemmija (ara fol 22 tal-atti), liema espert issottometta r-relazzjoni tieghu kif jidher a fol 149 tal-atti. Dan ikkonferma li, fil-fatt, ma kien

hemm l-ebda sinjal ta' sgass. In rigward PC 490 Joseph Aloisio dan issottometta r-relazzjoni tieghu kif rizultanti a fol 232 sa fol 234 tal-atti. In rigward impronti, l-espert nominat in konnessjoni ma' komparazzjoni, Joseph Bongailas, irtira dawk elevati minn fuq iz-zewg akkuzati Nazzareno Muliett u Martin Fava kif ukoll dawk elevati minn PC 490 Joseph Aloisio (fol 193 u fol 234 tal-atti). L-istess espert issottometta li r-rizultat ta' din il-komparazzjoni kienet tat rizultat negattiv. Espert iehor nominat kien Dottor Anthony Abela Medici u dan mill-lat forensiku u kaligrafu u dan issottometta r-relazzjoni tieghu kif jidher minn fol 258 sa fol 262 tal-atti. Dan l-espert kien gie nominat in konnesjoni ma':

1) L-iskufji msemmija ossija 'hoods' u hawnhekk issir referenza ghal pagni 2, 3 u 5 tar-relazzjoni a fol 262 ibid.
2) L-annessi dokumenti mmarkati Dok PPZ 2, 3 u 4 li kienu gew esebiti mill-ispettur Peter Paul Zammit .

L-istess espert issottometta li huwa probabbli li l-firma ta' 'Martin Micallef' fuq pagna 68 tal-istess Dok PPZ 4 kienet maghmula mill-istess awtur tal-firma ta' "Muliett Ronnie" fuq id-dokumenti mmarkati Dok PPZ 2 u Dok PPZ 3. Susseg-wentement l-istess espert esprima l-opinjoni (fol 268 ibid), "illi dik l-iskrittura li ezaminajt cioe dik ta' Martin Micallef hija ... ta' Ronald jew Ronnie Muliett".

h) Ikun opportun, hawnhekk, li issir referenza ghal diversi xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni u li jiggestixxu hwienet tad-deheb, liema persuni kienu:

1. Mario Carabaott (fol 102 et seq ibid), in rigward l-isem 'Martin Micallef' imnizzel fl-anness Dok PPZ 4, liema xhud pero ma gharafx lill-istess 'Martin Micallef' presenti fl-awla bhala dik il-persuna li minghandha kien xtara katina tad-deheb u li kienet giet imdewwba.
2. Donald Attard (fol 109 et seq ibid) li wkoll ma gharaf lil hadd fost l-akkuzati bhala l-persuna li kienet bieghet lilu xi crieket tad-deheb li gew imdewwba (ara l-imsemmi Dok PPZ 3 dwar dan il-kaz u d-dettalji hemm imnizzlin, fosthom in-numru tal-karta ta' identita tal-venditur).
3. Massimo Lubrano, li gharaf lill-akkuzat Nazzareno Muliett bhala l-persuna li bieghet lilu curkett b'"sovereign" u salib tad-deheb u oggetti ohra tad-deheb (ara z-zewg

ircevuti bin-numru 26 u 27 bid-dati tal-25 ta' Settembru 1992 u tas-7 ta' Ottubru 1992 formanti parti mill-imsemmi Dok PPZ u li fuqhom hemm il-firma tal-istess Muliett kif ukoll ix-xhieda ta' John Vella a fol 176 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-akkuzati kollha rrilaxxaw stqarrija bil-miktub kif ker jinghad:

1. Martin Fava (fol 34 ibid) kien stqarr li kien akkwista il-karozza Austin 1100, ta' kulur 'biege' numru G 3370, f'Mejju 1991. In rigward il-karozza tal-marka Mini Minor ta' kulur blu numru H 9844, hu kien flimkien ma' tnejn ohra fl-area tal-parkegg quddiem lukanda fil-Furjana, wara li waslu hemmhekk bix-xarabank tal-linja. Hawnhekk innotaw l-imsemmija karozza u raw li din kellha t-tieqa, fuq in-naha tal-passiggier, li kienet miftuha u meta dahlu fiha raw li c-cavetta kienet inserita fl-'ignition'. Ghalhekk ittiehdet l-istess karozza billi nsaqet lejn l-Imgarr, anke minn dan l-akkuzat ghal parti mit-tragitt. Effettivament, f'din il-lokalita, huma gew intercettati mill-pulizija. In rigward il-karozza tieghu, diga msemmija, hu sahaq li kien halliha parkeggjata vicin id-dar tieghu ghall-habta tal-5.00pm/5.30pm tal-istess gurnata. Fil-fatt hu cahad li kien saq lejn l-Imgarr fuq din il-karozza anzi stqarr "ma jidhirlix". In oltre, meta mar mal-pulizija fl-Imgarr, fejn fil-fatt il-karozza tieghu kienet parkeggjata hu qabel li l-istess karozza ma kellha ebda hsara u li din kienet imsakkra. In oltre, dwar is-sikkina tal-bahar, kif deskritta fl-istess stqarrija, u s-senter li nstabu fl-istess karozza, hu sostna li "s-sikkina ma kienitx hemm u ma naf xejn dwaru" (vis-a-vis l-istess senter). In rigward l-oggetti li nstabu fil-Mini Minor fl-ixkora, ossija investa, kif hawn fuq premess, hu stqarr "Ma naf xejn dwarhom ......". Issa dwar l-oggetti tad-deheb li nstabu mill-pulizija kif hawn fuq inghad, hu kompla jghid illi dawn kienu inghataw lilu minn ohtu, Mary Grace, jew minn nannuh u fil-kaz tac-curkett taz-zwieg, dan kien instab minnu "... hdejn hajt ta' ghalqa fl-inhawi ta' haz Zabbar". Dwar l-istess oggetti u s-serqa taghhom mir-residenza tal-konjugi Caruana, hu cahad li kien involut f'din, waqt li in rigward l-ircevuta misjuba mal-istess deheb

hu qal li dan id-dokument kien jirreferi ghal xiri ta' 'choker' da parti tieghu u iehor u bl-ebda mod ma kien hemm involut xi tpartit ma' oggett tad-deheb iehor. Fl-ahhar nett dwar il-karozza tieghu, hu kompla jsostni li din kien halliha parkeggjatha fil-post gia msemmi, vicin ir-residenza tieghu.

2. Joseph Fava (fol 40 ibid) ried jindika li waqt li kien fil-karozza 'Mini Minor' donnu ma kienx jaf fejn qieghed ghax kien "stordut bl'inbid" u lanqas ma kien jaf bl-oggetti li kienu fl-ixkora ossija nvesta.

3. Nazzareno Muliett (fol 42 ibid) spjega kif kien biegh oggetti tad-deheb f'diversi hwienet li pero "..... minnhom jiena ma hadt xejn". In rigward l-istess deheb, mistoqsi jekk dan id-deheb kienx insteraq mir-residenza ta' John Caruana hu stqarr li "Nghid li hu". Di fatti hu kien habib tal-istess John Caruana, kien jahdem mieghu u l-istess Caruana kien, gieli, sellfu d-deheb sabiex jilbsu hu. Pero fl-istess waqt, stqarr li ma kienx involut f'din is-serqa.
4. George Micallef (fol 82 ibid) stqarr li kien minnu li dahal ma' ohrajn fil-Mini Minor imsemmija u biha marru lejn l-Imgarr sabiex jidhlu f'dar vojta izda gew intercettati mill-pulizija. In rigward l-oggetti fl-ixkora, ossija investa, ma kienx jaf minn fejn gew izda kienu fl-istess karozza meta hu dahal fiha.

Ikkunsidrat

Illi minflok trattazzjoni orali, gew sottomessi is-segwenti noti ta' sottomissjonijiet in risposta:
a) Il-prosekuzzjoni (fol 302 sa fol 314 ibid).
b) George Micallef (fol 321 sa fol 324 ibid) li ghamel sotto-missjonijiet biss in rigward il-piena.
c) Joseph Fava ( fol 325 et seq ibid).
d) Martin Fava (fol 335 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-premess jidher li dan il-kaz hu maqsum f'erba stadji kif ser jinghad:

a) L-intercettazzjoni, fl-Imgarr, tal-karozza tal-marka Mini Minor numru H 9844 liema karozza rrizultat misruqa u li fiha kien hemm tlieta mill-akkzuati, cioe Martin u Joseph Fava kif ukoll George Micallef. Fl-istess karozza kien hemm l-imsemmija nvesta, ossija xkora, kontenenti senter, iehor imitazzjoni, munizzjon, kif ukoll oggetti ohra, notorjament uzati sabiex jigi kommess serq bi vjolenza (Dok PC1 sa Dok PC 16).
b) Waqt it-tfittxija li saret fid-dar ta’ residenza tal-akkuzat Martin Fava, instabu l-oggetti tad-deheb imsemmija, liema oggetti kienu parti minn refurtiva, f’serqa li saret mir-residenza tal-konjugi Caruana fl-14 ta’ Settembru 1991.
c) Fl-istess tfittxija, instabet u giet elevata fattura intestata ‘GB Jewellery’ liema fattura involviet, f’dan il-kaz, l-akkuzat Nazzareno Muliett.
d) Fl-ahhar nett, hemm ir-rintraccament mill-pulizija tal-karozza Austin 1100 appartenenti lill-istess akkuzat Martin Fava, liema karozza kienet instabet fl-Imgarr intatta u minghajr sinjali ta’ sgass. Dan qed jinghad peress li l-istess akkuzat kien stqarr u rraportaha misruqa minn vicin ir-residenza tieghu. Fl-istess karozza kienet instabet arma li taqta u bil-ponta kif diga premess.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-premess hawnhekk ser jigi deciz l-involviment o meno ta’ kull wiehed mill-akkuzati in konnessjoni ma’ dak li ghadu kemm inghad:
a) Martin Fava. Jidher evidenti li dan l-akkuzat ippartecipa attivament fis-serqa tal-karozza Mini Minor flimkien ma’ tnejn mill-akkuzati. Dan jidher mill-istess nota ta’ sotto-missjonijiet presentata minnu kif ukoll mill-istqarrija bil-miktub rilaxxata minnu. Fl-istess vettura nstabu, kif diga inghad, armi regolari konsistenti f’senter isserrat u kkargat, iehor imitazzjoni, flimkien ma’ oggetti ohra, li hu ben not, jintuzaw f’serq. In rigward dan, il-Qorti hi pjenament sodisfatta illi, tenut kont tac-cirkostanzi kif hawn fuq esposti, l-istess akkuzat ma setax ma kienx jaf bil-presenza taghhom fl-istess karozza li nsterqet minnu bhala komplici, liema armi ghandhom jigu kunsiderati bhala fil-pussess u taht il-kontroll tat-tlett persuni li nstabu fl-istess karozza meta din giet intercettata. Dwar dan,

jidher, fil-fatt, evidenti li l-istess tlett akkuzati kienu qed jesegwixxu l-atti preparatorji sabiex tigi kommessa serqa bi vjolenza minghajr pero ma ntlahaq l-istadju ta' tentattiv skond l-artikolu 41 (1) tal-Kodici Kriminali. In rigward dan, jidher li l-akkuzat mhux sempliciment ikkommetta "furto d'uso" kif isostni hu fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, izda kif diga inghad, ippartecipa fis-serqa tal-istess vettura sabiex, kif jidher mic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, principalment l-oggetti misjuba go fiha kienu biex jintuzaw f'serqa ohra. In rigward is-serqa mir-residenza tal-konjugi Caruana li grat fl-14 ta' Settembru, 1992, irrizulta mill-provi, li meta saret tfittxija fir-residenza tieghu, instabu parti mir-refurtiva tal-istess serqa kif ukoll fattura intestata 'GB Jewellers' u bid-data hemm specifikata. Kif jidher mill-premess, bejn l-istess serqa u r-ritrovament ta' dawn l-oggetti fil-pussess ta' Martin Fava, kien hemm trapass ta' zmien ta' ftit aktar minn xahar. Tenut kont li ma nstabet ebda evidenza, bhal impronti, sabiex jikkolega lil dan l-akkuzat mal-istess serq hlief ghal provi indizzjarji, il-Qorti ma hiex sodisfatta li hu ppartecipa f'din is-serqa, izda tinsab pjenament konvinta li l-istess akkuzat ikkommetta d-delitt ta' ricettazzjoni skond l-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali. In rigward l-akkuza in konnessjoni ma' rapport falz, in konnessjoni mal-allegata serqa tal-karozza Austin 1100, jigi rilevat, li l-akkuzat, kif rizultanti mill-atti, kien sempliciment stqarr lill-pulizija li din il-vettura kien halliha parkeggjata vicin ir-residenza tieghu u bl-ebda mod ma jidher li ghamel rapport formali li din fil-fatt kienet insterqet.

b) Joseph Fava. A bazi ta dak kollu li gie kunsidrat in konnessjoni mal-akkuzat Joseph Fava, vis-a-vis l-akkuzi in rigward is-serq tal-karozza appartenenti lit-tabib Andrew Baldacchino u l-oggetti li nstabu go fiha, ghandu jinstab hati. In oltre dan l-akkuzat ma jidhirx li kien involut fis-serqa mid-dar tal-konjugi Caruana jew fil-bejgh tar-refurtiva jew trasferiment lil terzi. Pero ghandu jinghad, dwar l-oggetti ossija djarji li nstabu fil-pussess ta' dan l-akkuzat, u li kienu parti mir-refurtiva mis-serqa tal-karozza appartenenti li Ramon Mizzi, illi dan l-akkuzat ghandu jinstab hati ta' ricettazzjoni tal-istess oggetti.

c) George Micallef, kif diga nghad, ghamel sottomissjonijiet bil-miktub, limitatament ghal piena.

Cioenonostante, il-Qorti ezaminat il-provi u rat li minnhom jirrizulta li dan l-akkuzat jista jinstab hati biss bhal l-akkuzat l-iehor Joseph Fava.
d) Fl-ahhar nett in rigward Jesmond Muliett dan gie akkuzat kemm ta' serq mir-residenza tal-konjugi Caruana, skond kif jidher mill-istess 'artikoli' in ezami, kif ukoll ta' ricettazzjoni tal-istess oggetti misruqin f'dan il-kaz. In rigward dan, a bazi ta' dak li gie premess, il-Qorti tara wkoll li ma ingiebet ebda prova hlief ta' natura indizjarja sabiex tikkollega lil dan l-akkuzat ma' din is-serqa. Ghalhekk fin-nuqqas ta' prova cara u inekwivoka, dan l-akkuzat ma jistax jinstab hati ta' serq izda ghandu jinstab hati biss ta' ricettazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk u fil-qasir, l-entier ta' dan il-kaz ghandu jkun kif ser jinghad:
1) Martin Fava ghandu jinstab hati tal-akkuzi ta' serq kkwalifikat bi vjolenza numerika, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa vis-a-vis is-serq tal-karozza ta' Dottor Andrew Baldacchino, kif ukoll tal-akkuzi taht il-kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' ricettazzjoni ta' valur ta' oggetti oltre il-Lm100.
2) Joseph Fava ghandu jinstab hati tal-akkuzi ta' serq kkwalifikat bi vjolenza numerika, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa in rigward is-serqa tal-istess Mini Minor kif ukoll tal-akkuzi taht il-kapitolu 66 hawn fuq citat.
3) Dwar George Micallef, dak li ntqal fil-konfront ta' Joseph Fava hu applikabbli ghalih.
4) In rigward Nazzareno Muliett, dan ghar-ragunijiet premessi ghandu jinstab hati ta' ricettazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi in rigward Joseph Fava u George Micallef, ingiebet l-akkuza taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali kif ukoll kontra George Micallef wahdu taht l-artikoli 28A, B u F tal-istess Kodici.

Illi dwar dan gew esebiti tlett kopji ta' sentenzi fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Ronald Cilia) vs George Micallef'

moghtija fit-8 ta' Novembru 1990', 'Il-Pulizija (Spettur John Rizzo) vs George Frederick Micallef' moghtija fl-19 ta' Lulju 1991 u 'Il-Pulizija (seduta tat-traffiku) vs Joseph Fava' moghtija fl-1 ta' Settembru 1992. In rigward is-sentenza moghtija fit-8 ta' Novembru 1990 fil-konfront ta' George Micallef gie prodott bhala xhud tal-identita l-istess spettur Ronald Cilia (fol 187 ibid). In rigward is-sentenzi l-ohrajn ma gietx prodotta l-prova skond il-ligi ghall-istess skop, u b'hekk ma jistghux jigu kunsiderati.

Illi skond l-imsemmija sentenza, l-akkuzat George Micallef kien instab hati ta' pussess tal-pjanta "Cannabis" u kien inghata l-beneficcju ta' 'probation' ghal zmien tlett snin. Pero, kif jidher mill-istess 'artikoli' tal-Avukat Generali, dan l-akkuzat ma giex akkuzat bi ksur ta' "probation" izda biss ta' <u>ricediva</u>.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-akkuzat Martin Fava u Nazzareno Muliett mill-akkuza ta' serq kif kkwalifikat mir-residenza ta' John Caruana, lill-Martin Fava minn dik ta' denunzja ta' reat, lil Joseph Fava mill-akkuza ta' serq mill-karozza numru T 9709 ghad-dannu ta' Ramon Mizzi u minn dik ta' hsara volontarja fl-istess vettura u lill-akkuzat George Micallef u Joseph Fava mill-akkuza ta' ricediva, issib:

<u>Lil Joseph Fava, Martin Fava u George Micallef</u> hatja talli mill-Floriana nhar it-28 ta' Ottubru 1992 ghall-habta tas-6.00 pm ikkommettew serq ta' vettura numru H 9844(M) tal-ghamla Mini Minor, ta' kulur blu, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Dr Andrew Baldacchino miz-Zejtun u dan skond l-artikoli 241 (a) (b) (c) (f) (g), 262 (1) (b), 263, 264, 265, 267, 270, 271 (g), 276, 277 (b), 278 (1) (2) (3), 290 u 279 (a) tal-Kodici Kriminali.

<u>Lil Joseph Fava, Martin Fava u George Micallef</u> flimkien hatja talli fl-Imgarr Malta, nhar it-28 ta' Ottubru 1992 ghal habta tas-7.00 pm waqt li gew arrestati ghall-ghemil ta' xi delitt, kellhom fuq il-persuna taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar, jew imitazzjoni ta'

arma regolari u dan skond l-artikoli 26(b) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Joseph Fava, Martin Fava u George Micallef flimkien hatja talli fl-Imgarr Malta u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer nhar it-28 ta' Ottubru 1992 kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar u munizzjon minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, u dan skond l-artikolli 2, 3 u 19 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Joseph Fava wahdu hati talli fl-ahhar xhur qabel it-30 ta' Ottubru 1992 kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu munizzjon, kalibru ta' comb mhux awtorizzat mill-ligi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan skond l-artikoli 2, 3 u 19 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.
.
Lil Joseph Fava wahdu hati talli garr arma li taqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan skond l-artikoli 13 u 19 tal-Kapitolu 66 tal-ligijiet ta' Malta.

Lil Joseph Fava, Martin Fava, George Micallef, u Nazzareno sive Reno Muliett hatja talli f'dawn l-ahhar xhur, xjentement b'kull mod li jkun, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehdua b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan ir-reat sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom u dan skond l-artikoli 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil George Micallef wahdu hati talli huwa sar recediv wara li hu gie kkundanant ghal reat b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata it-8 ta' Novembru, 1990 liema sentenza illum saret definittiva u dan skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

In rigward piena, wara li gew ikkunsiderati l-precitati artikoli kif ukoll il-fedina penali ta' Joseph Fava minn fejn irrizulta li sal-incidenti in ezami kien instab hati biss ta' delitti kontra l-ligi tat-traffiku, dawk ta' Martin Fava u Nazzareno sive Reno Muliett kienu nodfa ghall kollox sal-

istess incidenti waqt li George Micallef kien instab hati ta' pussess ta' "Cannabis" kif premess, kif ukoll ta' serq u hsasra volontarja relattiva minn karozza, il-Qorti tara li ghandu jkun opportun li:

a) L-akkuzati Martin u Joseph Fava kif ukoll Nazzareno sive Reno Muliett ghandhom jibbenefikaw mill-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta (gia l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-istess ligijiet). Ghaldaqstant il-Qorti tordna li dawn it-tlett akkuzati jigu liberati bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum stess.

b) In rigward l-akkuzat George Micallef ma setax jigi njorat dak li ssottometta l-istess akkuzat a fol 321 et seq ibid tal-istess atti. Hawnhekk hu rrileva li rnexxielu johrog mill-vizzju ta' abbuz minn droga u li fil-fatt qabad xoghol ghal rasu, u li fi ftit kliem, effettivament jidher li bidel hajtu. Ghalhekk sabiex ma tigix disturbata din is-sitwazzjoni, il-Qorti ser taghtih l-istess trattament li tat lill-ko-akkuzati tieghu. Ghaldaqstant il-Qorti tordna li George Micallef jigi liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin millum stess.

In oltre, il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tordna li l-akkuzati jhallsu lir-Registratur tal-Qorti u "in solidum" bejnithom, l-ispejjes kollha in konnessjoni ma' konferma u nomina ta' esperti waqt dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------